**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2025

Rikors Ġuramentat: 143/2020 AL

**A B**

**vs**

**C J M N**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi datat 24 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu ppremettiet kif ġej:

*A. Dikjarazzjonijiet tal-Fatti*

*1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni estramatrimonjali bejniethom, liema relazzjoni giet terminata zmien ilu.*

[1] Fol. 1.

*2. Illi l-esponenti flimkien mar-rikorrent, ghandhom zewg ulied minuri, X N B illi twieled fid-19 ta' Settembru 2013, Y N B illi twieldet fl-24 ta' Mejju 2016 u dan skond kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid li qieghdin ikunu mmarkati bhala Dok RMC02 rispettivament.*

*3. Illi l-esponenti kienet inizzjat proceduri ta' medjazzjoni sabiex tkun tista' tasal fi ftehim amikevoli ma' l-intimat rigwardanti l-imsemmija minuri, liema ftehim, sfortunatament, ma schhx, u għalhekk, konsegwentement, l-attrici kellha tirrikorri ghall-kawza odjerna.*

*4. Illi l-imsemmija medjazzjoni bin-numru 194/19 fl-ismijiet premessi kienet maghluqa permezz ta' digriet numru 1363/20 datat 24 ta' Lulju 2020, liema digriet qieghed ikun esebit u mmarkat bhala Dok RMC03.*

*5. Illi l-esponenti dejjem pruvat tasal fit-triq tan-nofs mar-rikorrent waqt il-proceduri tal-medjazzjoni izda dejjem sabet bibien maghluqa min-naha ta' l-intimat. Fil-fatt, l-esponenti dejjem kellha tipprezenta rikorsi biex titlob lil din l-Onorabbli Qorti dak li ghandha dritt ghalih u ghal dak li huwa tal-gid ghall-minuri uliedha. Fil-fatt, l-attrici hawn rikorrenti qatt ma riedet tasal s'hawn peress li hija xtaqet li tirregola r-relazzjoni taghha ma' l-intimat ghal dak li jirrigwarda l-minuri uliedha u ulied l-intimat u ghalhekk hija tkun tista' tkompli b'hajjitha. Izda n-nuqqas estrem ta' kooperazzjoni da parti ta' l-intimat ma hallew ebda xelta.*

*6. Illi l-access huwa regolat permezz ta' digriet datat 1 ta' Settembru 2019, kopja informali ta' liema digriet mghoti minn din l-Onorabbli Qorti qieghed ikun hawn esebit u mmarkat bhala Dok RMC04. Dan id-digriet jordna li l-access ghandu jkun bil-mod segwenti: -*

*a) nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mit-3:00pm sas-7:00pm.*

*b) b'mod alternattiv, mill-Gimgha fit-3:00pm sas-Sibt fis-6:00pm u l-gimgha ta' wara mill-Gimgha fit-3:00pm sal-Hadd fl-10:00am.*

*7. Illi il-manteniment huwa wkoll regolat permezz ta' digriet datat 10 ta' Lulju 2019, b'dan illi din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-intimat ihallas manteniment ta' €550 fix-xahar ghaz-zewg ulied minuri, liema manteniment ghandu jinkludi l-ispejjez tas-sahha u ta' l-edukazzjoni tal-minuri ulied. Dan id-digriet mghoti minn din l-Onorabbli Qorti qieghed ikun hawn esebit u mmarkat bhala Dok RMC05.*

*8. Illi bhalma jidher, parti kbira tal-pendenzi jidhru li huma regolati permezz ta' l-imsemmija digrieti, izda l-intimat ma kienx sodisfatt b'dak li jordnaw tali digrieti, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smicgh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*9. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti peronsalment.*

*B. Talbiet: -*

*Ghalhekk, ir-rikorrenti qeghda taghmel din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirregolarizza l-kwistjoni ta' kura, kustodja u access tal-minuri uliedhom X u Y N B, u taghmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet kollha illi jidhrilha xierqa fl-ahjar interess tal-minuri ulied il-partijiet;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tordna u tikkonferma illi l-kura u kustodja tal-minuri uliedhom tkun fdata esklussivament lir-rikorrenti omm, salv kull dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda lill-intimat;*

*2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, tiddikjara d-dritt taz-zewg kontendenti, sabiex jattendu ghal attiviitajiet soċjali, religjuzi, edukattivi, skolastiċi u dawk relatati mas-sahha, illi jinvolvu l-minuri, ad eskluzjoni ta' kull terza persuna ohra;*

*3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas retta alimentarja ta' €550 lir-rikorrenti bhala manteniment ghaz-zewg ulied minuri, liema manteniment ikun jinkludi l-ispejjez tas-sahha u ta' l-edukazzjoni tal-minuri ulied, liema manteniment ghandu jibda jithallas mill-konvenut permezz ta' standing order. Dan il-manteniment hekk ordnat għandu jigi inkrementat perjodikament sabiex jaghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja.*

*4. Subordinament, fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tal-manteniment kif maghmula, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-uliedu minuri X u Y liema retta alimentarja ghandha tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-ulied, pagabbli mill-konvenut lil-istess attrici fl-ahhar jum ta' kull xahar, liema manteniment ghandu jibda jithallas mill-konvenut permezz ta' standing order. Dan il-manteniment hekk ordnat ghandu jigi inkrementat perjodikament sabiex jaghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja.*

*5. Takkorda lir-rikorrent id-dritt ta' aċċess fil-konfront ta' uliedu minuri hekk kif diga' stabbilit fid-digriet mghoti minn din l-Onorabbli Qorti datat 1 ta' Settembru 2019.*

*- Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

*- Bl-ispejjez tal-gudizzju komprizi dawk fil-proceduri quddiem il-medjatur kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-attriċi;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ Y N B bin-numru 4476/2016;[2]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ X N B bin-numru 4602/2013.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[3] fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*1) L-ewwel talba rikorrenti hija opposta stante illi, fl-ewwel lok, mhuwiex fl-ahjar interess tat-tfal minuri, X u Y, u fit-tieni lok illi ma jezistux l-estremitajiet ikkontemplati fil-ligi u mghallma fil-gurisprudenza sabiex l-esponent jitlef il-kura u kustodja ta' uliedu;*

*2) It-tieni talba rikorrenti mhijiex opposta;*

*3) It-tielet u r-raba talba rikorrenti huma opposti stante illi r-residenza tat-tfal minuri ghandha tkun mal-intimat u li ghalhekk kwalunkwe manteniment ghandu jithallas mir-rikorrenti lill-intimat ghall-bzonnijiet tat-tfal minuri tal-kontendenti;*

*4) It-talba rigward il-kap ta' l-ispjjes ijja opposta*

*Dikjarazzjoni tal-fatti ta' C JBR M N (K.I. 176698M)*

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:-*

*1) Illi l-partijiet kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal cioe, X N B, illi twieled fid-19 ta' Settembru tas-sena 2013, u Y N B, illi twieldet fl-24 ta' Mejju tas-sena 2016;*

*2) Illi prezenzjalment l-esponent qieghed jezercita access kif regolat minn digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' l-1 ta' Settembru 2019 u cioe kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn it-3:00 p.m. u s-7:00 p.m. u fil-weekend, b'mod alternat, mit-3:00 p.m.*

---

[2] Fol. 8.
[3] Fol. 31.

*nhar il-Gimgha sas-6:00 p.m. l-ghada s-Sibt, u l-gimgha ta' wara mill-Gimgha fit-3:00 p.m. pm. sal-Hadd fl-10:00 a.m. Madanakollu, prezenzjalment il-partijiet iddipartixxu minn dan billi l-Missier qieghed jigbor lit-tifla minuri dirett mill-iskola filwaqt illi t-tifel minuri qieghed imur ghandu dirett wara l-iskola;*

*3) Illi l-manteniment huwa rregolat ukoll, permezz ta' digriet ta' l-10 ta' Lulju 2019, u cioe fl-ammont ta' €550 ghaz-zewgt itfal liema ammont għandu jinkludi l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni;*

*4) Illi sa mill-bidu tal-proceduri bejn il-kontendenti, l-esponent sahaq illi ma kienx fl-ahjar interess tal-minuri illi jghixu mal-attrici ommhom fid-dar tan-nanna materna u dan ghaliex huma qieghdin jigu esposti ghal kliem vulgari u ghal kundizzjonijiet li ma jiffacilitawx l-edukazzjoni taghhom. Di piu, l-attrici ghandha jew kellha l-vizzju tad-droga u, skont ma huwa nfurmat l-esponent, sahansittra sabet ruhha l-isptar Mount Carmel minhabba dan il-vizzju. Apparti dan kollu, meta l-omm tkun ix-xoghol jew barra, t-tfal minuri jkunu man-nanniet materni illi t-tnejn għandhom 'l fuq minn tmenin sena u mhumiex idoneji li jikkuraw ghal tfal minuri;*

*5) Illi da parti tieghu, l-esponent jiehu sehem bi shih fil-hajja ta' uliedu u jagħti prijorita' assoluta lill-edukazzjoni ta' uliedu. Apparti minn hekk, huwa jippartecipa fil-hajja extra-kurrikulari tat-tfal minuri u fil-fatt huwa kien introducihom ghal diversi sports inkluz ic-chess, u l-Athletics, u loghob*

*6) edukattiv sabiex itejbu l-uzu tal-Lingwa Ingliza, u l-critical thinking taghhom;*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjenti[4] li fiha ppremetta:

---

[4] Fol. 35.

*1) Illi l-partijiet kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal cioe, X N B, illi twieled fid-19 ta' Settembru tas-sena 2013, u Y N B, illi twieldet fl-24 ta' Mejju tas-sena 2016;*

*2) Illi prezenzjalment l-esponent qieghed jezercita access kif regolat minn digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' l-1 ta' Settembru 2019 u cioe kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn it-3:00 p.m. u s-7:00 p.m. u fil-weekend, b'mod alternat, mit-3:00 p.m. nhar il-Gimgha sas-6:00 p.m. l-ghada s-Sibt, u l-gimgha ta' wara mill-Gimgha fit-3:00 p.m. pm. sal-Hadd fl-10:00 a.m. Madanakollu, prezenzjalment il-partijiet iddipartixxu minn dan billi l-Missier qieghed jigbor lit-tifla minuri dirett mill-iskola filwaqt illi t-tifel minuri qieghed imur ghandu dirett wara l-iskola;*

*3) Illi l-manteniment huwa rregolat ukoll, permezz ta' digriet ta' l-10 ta' Lulju 2019, u cioe fl-ammont ta' €550 ghaz-zewgt itfal liema ammont ghandu jinkludi l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni;*

*4) Illi sa mill-bidu tal-proceduri bejn il-kontendenti, l-esponent sahaq illi ma kienx fl-ahjar interess tal-minuri illi jghixu mal-attrici ommhom fid-dar tan-nanna materna u dan ghaliex huma qieghdin jigu esposti ghal kliem vulgari u ghal kundizzjonijiet li ma jiffacilitawx l-edukazzjoni taghhom. Di piu, l-attrici ghandha jew kellha l-vizzju tad-droga u, skont ma huwa nfurmat l-esponent, sahansittra sabet ruhha l-isptar Mount Carmel minhabba dan il-vizzju. Apparti dan kollu, meta l-omm tkun ix-xoghol jew barra, t-tfal minuri jkunu man-nanniet materni illi t-tnejn ghandhom 'l fuq minn tmenin sena u mhumiex idoneji li jikkuraw ghal tfal minuri;*

*5) Illi da parti tieghu, l-esponent jiehu sehem bi shih fil-hajja ta' uliedu u jagħti Apparti minn hekk, huwa prijorita' assoluta lill-edukazzjoni ta' uliedu. jippartecipa fil-hajja extra-kurrikulari tat-tfal minuri u fil-fatt huwa kien introducihom ghal diversi sports*

*inkluz ic-chess, u l-Athletics, u loghob edukattiv sabiex itejbu l-uzu tal-Lingwa Ingliza, u l-critical thinking taghhom;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi, joghgobha:-*

i. *tordna illi l-kura u kustodja tal-imsemmi minuri X u Y, ahwa N B, tkun kongunta b'dana illi l-istess tfal minuri għandhom jirresjedu mal-esponent, salv l-access tal-intimata illi jigi ezercitat fil-granet u l-hinijiet illi jigu appozitament stabiliti mill-Qorti;*

ii. *tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex thallas rikonvenzjonant, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigjijiet tal-imsemmija minuri, X u Y ahwa N B, illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-attrici rikonvenjonata u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-intimata lill-istess attur fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti direttament mill-paga tal-intimata ghal go kont bankarju f'isem tal-attur u liema ammont għandu jigi rivedut kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;*

iii. *tordna illi kwalunkwe beneficcji li jistu' jkunu elegibbli għalihom il-partijiet ghal-bzonnijiet ta' tfal inkluz children's allowance ghandhom jigu ppercepiti mill-konvenut rikonvenzjonant;*

iv. *tordna illi jekk it-tfal jirrisjedu ma' l-Omm, il-Missier ghandu jinghata preferenza fuq terzi persuni jekk l-Omm ma tkunx tista zzomm il-minuri maghha jekk tohrog jew tkun ix-xoghol;*

v. *Taghti provvediment u access li jkun applikabbli b'mod specifiku ghall-granet partikolari segwenti:*

*a. Jum il-Missier*
*b. Jum l-Omm*
*c. Lejliet il-Milied u l-Milied*
*d. Lejliet l-Ewwel tas-sena u l-Ewwel tas-sena*
*e. Il-gurnata ta' l-Ghid*
*f. Il-birthday tal-missier*
*g. Il-birthday tal-omm*
*h. Il-birthday tat-tfal minuri*
*i. Festi pubblici*

*vi. Tordna illi jekk l-attrici rikovenzjonat issiefer minghajr it-tfal minuri, t-tfal minuri ghandhom ikunu ma missierhom, il-konvenut rikonvenzjonant, ghad-durata tas-safar;*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut rikonvenjenti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi rikonvenuta[5] għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjenti:.

*1. Illi fl-ewwel lok, huwa minnu li l-hemm digriet li jirregola l-access u huwa minnu li l-hinijiet u l-granet ta' l-access ma jinzammux kif inhu ordnat fid-digriet imma dan minhabba li l-esponent jimponi hu kif għandu jsir l-accessu dan kif ser ikun trattat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kontro talba. Inoltre, kien inevitabbli li l-partijiet jiddipartixxu mill-access minhabba fl-ordni ta' protezzjoni li hemm fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonant favur l-attrici rikonvenzjonata, ohtha u ommha liema ordni ta' protezzjoni giet mahruga minn l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech, nhar it-13 ta' Ottubru 2020 (Dok YB1). Kien għalhekk li l-partijiet kellhom jaghmlu arrangamenti alternattivi sabiex il-konvenut jkun jista' xorta wahda jezercita l-access minghajr ma jkun hemm ebda ksur tal-ordni ta' tali protezzjoni imsemmija.*

[5] Fol. 41.

*2. Illi m'hu veru xejn li sa' mill-bidu, l-konvenut rikonvenzjonant kien insista li l-minuri ghandhom jirrisjedu mieghu izda huwa kien jinsisti li l-access ghandu jkun b'mod li l-minuri jaghmlu gimgha mal-konvenut rikonvenzjonant u gimgha ohra ma' l-attrici rikonvenzjonata biex b'hekk, huwa ma jkollux għalfejn ihallas manteniment. Dak li nsista mill-bidu l-konvenut rikonvenzjonant kien li huwa ma jhallasx manteniment. Kellu jkun digriet tal-qorti li jgieghlu jhallas manteniment u anke b'dan qieghed ifalli, kif ser ikun ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza. Li kieku veru dak li qieghed jishaq il-konvenut rikonvenzjonant li t-tfal minuri uliedu qieghdin fambjent li iktar qieghed jaghmlilhom hsara milli gid, kien jinsisti izjed b'tali mod li din l-insistenza kienet tkun tirrizulta mill-atti. Tant ma kienx hemm insistenza li kellha tkun l-attrici rikonvenzjonata li titlob permezz ta' rikors li l-access favur il-missier ikun regolat.*

*3. Illi lanqas ma huwa minnu li n-nanniet materni m'humiex idonei sabiex jikkuraw lill-minuri u dan kif ser ikun ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza. Huwa l-konvenut rikonvenzjonant stess li gieli jiehu lill-minuri ghand l-istess nanniet.*

*4. Illi l-attrici rikonvenzjonata lanqas ma taqbel li l-konvenut rikonvenzjonant jippartecipa bis-shih fil-hajja edukattiva tal-minuri. Meta l-minuri jkunu waqt l-access mal-missier, lanqas ilestu x-xoghol tad-dar li jkun nghata lilhom mill-iskola bil-konsegwenza li meta dawn imorru lura d-dar ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (7pm) ikollhom jibdew il-homework ma' l-omm f'dawk il-hinijiet. Dan ser ikun ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza.*

*5. Illi l-esponenti tichad li l-minuri qeghdin ikunu esposti ghal xi tip ta' kliem vulgar u tishaq li il-konvenut rikonvenzjonant qieghed jipprova jpingi dell ikrah fuqha u fuq il-familja taghha li tant jghozzu lill-minuri.*

*In sostenn tat-talbiet premessi mill-konvenut rikonvenzjonant, l-esponenti tiddikjara s-segwenti, u umilment titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi, joghgobha:-*

*I. Illi in kwantu ghall-ewwel talba, din ghandha tkun michuda stante li huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja ta' l-istess tkun fdata f'idejn l-omm hawn esponenti.*

*II. Illi dwar it-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant din ghandha tkun michuda stante dak premess filparagrafu seuspost, u ghalhekk għandu jkun il-konvenut rikonvenzjonat illi jhallas dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigijiet tal-minuri hekk kif stabbilita' minn din l-Onorabbli Qorti.*

*III. Illi dwar it-tielet talba, din ghandha tkun michuda stante dak suespost, u għalhekk kwalunkwe beneficcju li jinghata ghall-bzonnijiet u t-trobbija tat-tfal minuri ghandu jkun ppercepit mill-omm hawn esponenti.*

*IV. Illi fir-rigward tar-raba' talba, l-esponenti, fil-principju, m'ghandhiex oggezzjonu lil-konvenut rikonvenzjonant jinghata prijorita' fuq terzi persuni sabiex il-minuri joqghodu mieghu fejn l-omm ma tkunx tista' tkun prezenti hi, izda l-konvenut rikonvenzjonant qatt ma jikkopera ma' l-esponenti u għal din ir-raguni jkollha toggezzjoni għal din it-talba u dan peress li hija ser tkun tiddependi wisq fuq il-konvenut rikonvenzjonant.*

*V. Illi in kwantu ghall-hames talba, l-esponenti ma toggezzjonax anzi taghmilha taghha wkoll it-talba li l-access f'dawn il-jiem ikun regolat.*

*VI. Illi in kwantu ghas-sitt talba, l-esponenti ghandha oggezzjoni u ghandha tkun michuda u dan minhabba f'ragunijiet li ser ikunu ppruvati waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi dwar l-ispejjez tal-kawza u tal-kontro-talba dawn ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi rikonvenuta;

Rat id-digriet tal-24 ta' Lulju 2020[6] fejn il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża *entro* t-terminu stabbilit mill-Liġi;

Rat il-verbal tad-9 ta' Frar 2021[7] f'liem seduta l-Qorti ħatret lil Dr Maria Dolores Gauci bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża u l-verbal tas-seduta tad-9 ta' April 2024[8] f'liem seduta l-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Gauci li rtirat u ssostitwietha bl-istess inkarigu u fakultajiet b'Dr Sean Meli Apap;

Rat il-verbali kollha u r-rapporti tal-Avukat tat-tfal involuta fil-każ odjern;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm permezz ta' affidavits u kif ukoll *viva voce*;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali minn naħa tal-konvenut;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[10]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

---

[6] Fol. 11.
[7] Fol. 49.
[8] Fol. 317.
[9] Seduta tal-20 ta' Frar 2025 a fol. 388.
[10] Verbal tat-3 ta' Ottubru 2024 a fol. 1629.

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob li tingħata l-kura u kustodja esklussiva taż-żewġ ulied X u Y N B li twieldu minn relazzjoni li hi kellha mal-konvenut, biex tikkundanna l-konvenut iħallas retta alimentarja xierqa għaż-żewġ ulied fl-ammont ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550) fix-xahar li jkun jinkludi spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa, u sabiex takkorda lill-konvenut dritt ta' aċċess skont id-digriet mogħti minn din il-Qorti fl-1 ta' Settembru 2019 fl-atti tal-medjazzjoni.

Il-konvenut minn naħa tiegħu joġġezzjona għat-talbiet tal-attriċi u jitlob lill-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tagħha, filwaqt li jippreżenta kontro-talba li fiha titlob lil Qorti sabiex:

1. Takkorda kura u kustodja konġunta tal-ulied, filwaqt li tordna li dawn ikunu jirrisjedu mal-missier, bi dritt tal-aċċess għall-omm;

2. Tiffissa retta alimentari mensili għall-għajxien tagħhom li għandha tħallas l-omm lilu, għat-tfal, filwaqt li jkun hu li jipperċepixxi kull benefiċċju relatat mal-minuri;

3. Tordna li jekk it-tfal jirrisjedu ma' l-Omm, il-Missier jingħata preferenza fuq terzi persuni jekk l-Omm ma tkunx tista' żżomm lill-minuri magħha jekk toħroġ jew tkun ix-xogħol u jekk l-attriċi rikovenuta issiefer mingħajr it-tfal, t-tfal għandhom ikunu ma' missierhom,

4. Tagħti provvediment u aċċess li jkun applikabbli b'mod speċifiku għall-ġranet partikolari tas-sena.

2. **Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:**

*<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:</u>*

L-attriċi ma tatix xhieda f'dan il-każ u tonqos milli tkun preżenti għal ħafna seduti, iżda ġġib is-segwenti xhieda:

*Xhieda ta' PC2151, Francesca Zahra fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2021*[11] li tippreżenta rapporti magħmula mill-attriċi kontra l-konvenut.

*Xhieda ta' Karen Falzon Assistent Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunal fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2023*[12] li tippreżenta lista ta' medjazzjonijiet li l-partijiet fetħu kontra xulxin.

*Xhieda ta' Romina Borg Psaila, Assistant Head Stella Maris College fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2023*[13] li tixhed dwar it-tifel X. Hija tgħid li X għandu diffikultajiet akkademiċi iżda ma għandux LSE assenjata miegħu għalkemm huma taw il-parir lill-ġenituri biex jibdew il-proċess ta' *educational psychological assessment*. Hija tippreżenta r-riżultati tat-tifel tal-Grade 4 u tal-Grade 5. Issemmi wkoll diffikultajiet biex jintegra fi grupp wara li jkun *absent* għal numru ta' ġranet. Tgħid li l-għalliema tkellmet maż-żewġ ġenituri dwar it-tifel. Fuq *day to day issues* l-iskola jirrelataw mal-omm. Tippreżenta wkoll dokument tal-attendenza tat-tifel. Hija tgħid li jkun *absent* għal numru ta' ġranet matul is-sena.

*Xhieda ta' Lucia Sammut, Kap ta' Skola fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2023*[14] li tixhed dwar it-tifla tal-partijiet. Tgħid li t-tifla tattendi skola regolarment u *"hija she is very distracted, defiant u anke tbati hafna bil-burdati. Ikollna naqra problemi anke fuq uniformi; li mhux dejjem tigi liebsa kif supost. Per ezempju li minflok tights bojod ikunu tights striped per ezempju. Kull tant iggib affarijiet ta' huha minflok taghha wkoll; gie li fil-basket kien ikun hemm kazijiet fejn kellha l-affarijiet ta' huha minn Stella Maris minflok minn l-iskola taghna."* Tgħid li

[11] Fol. 119.
[12] Fol. 205.
[13] Fol. 206.
[14] Fol. 210.

akkademikament ma hemmx diffikultajiet iżda peress li hi *distracted* ma hix tasal sal-potenzjal tagħha. Riċentement fil-fatt tgħid li l-ġenituri ltaqgħu mal-ħaddiema soċjali biex din tieħu xi feedback mingħandhom dwar is-sitwazzjoni. Tispjega li t-tifla kultant ikollha *dark thoughts* u anke tbeżża tfal oħra bil-kummenti li tgħaddi u tgħid li trid tkun bħal "Wednesday Adams".

Tispjega li għalkemm tkellmu mal-ġenituri u għalkemm dawn jikkomunikaw magħhom, jispiċċaw parti twaħħal fl-oħra u għalhekk għadhom ma waslux għal soluzzjoni. Tgħid li l-missier jidher iktar strict filwaqt li l-omm twaħħal fl-iskola u tgħid li t-tifla għandha tingħata iktar attenzjoni. Kultant jidher illi l-*homework* tat-tifla jkun magħmul mill-omm. Tgħid li min-naħa tagħhom, bħala skola, jtuha l-attenzjoni li hemm bżonn iżda għandha bżonn ukoll support mid-dar. Jidher illi t-tifla tagħmel ukoll ħin man-nanna u meta jiġbdulha l-attenzjoni fuq l-uniformi per eżempju, t-tifla tgħidilhom li n-nanna ma kellhiex *tights* bojod per eżempju.

*<u>Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mressqa Minnu:</u>*

*<u>Il-konvenut jixhed permezz ta' affidavit ppreżentat permezz ta' Nota fis-27 ta' Mejju 2024</u>*[15] fejn huwa jgħid illi r-relazzjoni li kellu mal-attriċi ntemmet fl-2017 meta t-tifel X kellu erba' (4) snin u Y kellha sena u erba' xhur. It-tfal għandhom oħthom oħra, Quinn li dak iż-żmien kellha disa' (9) snin.

Jgħid illi huwa jħoss li Quinn hija influenza ħażina fuq uliedu u li xi drabi tqabbadhom ikellmuh ħażin. Huwa jippreżenta *recording* fejn jgħid li Quinn tinstema tgħid lil Y *"għidlu jmur j*hxi l ommu", "ghidlu f*ck you".* Jgħid li meta kienu għadhom flimkien, hu kien jgħin lil Quinn f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskola għaliex ommha ma kelliex paċenzja u kienet tispiċċa tagħmlilha l-*homework* hi minflok tgħinha. Jgħid li dan irrepeta

---

[15] Fol. 318.

ruħu ma' wliedu. Jgħid li daħħlitilhom ukoll kliem ma jeżistix f'moħħhom u jagħti eżempji ta' verbi konġugati b'mod skorrett. Huwa jgħid li l-omm tkellimhom b'Ingliż ħażin għalkemm jipprova jgħidilha li aħjar tkellimhom bil-Malti.

Jgħid li huwa jista' jgħinhom ħafna fil-Matematika u minbarra li dejjem prova jgħin fl-edukazzjoni tagħhom, jgħid li daħħalhom membri fil-librerija tal-Mosta u xtralhom għadd ta' kotba bil-Malti, peress li l-iskola rrimarkat li X bagħtut fil-Malti. Jgħid li min-naħa l-oħra l-omm kienet tħallihom jorqdu tard u mbagħad idumu reqdin ġieli anke sa nofsinhar. Oltre dan, l-omm ma kinitx qed torqod dejjem fir-residenza li fiha kienu jgħixu l-ulied. Jgħid li l-aġir tat-tfal fl-iskola kien riżultat tan-negliġenza tal-omm għax it-tfal kienu qed iqattgħu ħafna ħin weħedhom għand in-nanna li għandha madwar tmenin (80) sena. Huma jispiċċaw jaraw TV mhux addattat għalihom u t-tifel anke jilgħab *Fortnite* sa kmieni filgħodu.

Jgħid ukoll illi minn dak li jgħidu t-tfal u mit-telefonati li jagħmel flimkien ma' dak li sar jaf mir-rappreżentanti tal-iskejjel tat-tfal, dawn jitilfu ħafna skola u Y qed tmur kontra qalbha l-iskola u filgħodu tispiċċa tiġri mad-dar kollha għaliex ma tkunx trid tmur. Jgħid li dan kollu tgħidulu t-tifla stess. Isemmi wkoll in-negliġenza tal-omm li jgħid li tidher f'dak li jkunu lebsin it-tfal u f'persunthom. Jgħid li t-tifla spiċċat qatgħet xagħrha tliet (3) darbiet, għalkemm imbagħad l-omm qatatulha biex tirranġa l-iżball tat-tifla. Għalkemm dan ġara fir-residenza fejn toqgħod it-tifla u darba oħra fis-salon, taħt għajnejn l-attriċi stess, wara li din il-ħaġa kienet diġà ġrat, l-omm ħallietha terġa' tiġri. Jippreżenta ritratti li jgħid li jippruvaw dan kollu u anke *screenshot* ta' *post* fuq il-media soċjali tan-neputija tal-attriċi fejn tikteb "*When you leave your kids alone with a pair of scissors.*" Jgħid li din ma kinitx xi ħaġa tad-daħq għaliex it-tifla setgħet weġġgħet. Jgħid li madanakollu, minkejja anke s-suġġerimenti tal-Qorti biex it-tfal jintbgħatu skola tas-Sajf, l-omm preferiet tħallihom weħedhom is-Sajf kollu.

Jgħid li lanqas isib koperazzjoni mill-attriċi f'dak li huma attivitajiet sportivi għat-tfal. Hija ma teħodhomx għall-attivitajiet fil-ħinijiet li jkunu magħha. Jippreżenta messaġġi li juru li ma baqgħetx tieħu lil X għal-lezzjonijiet tat-tennis. Jgħid li hu jħallsilhom għal dawn il-programmi, mbagħad l-omm ma teħodhomx. Jgħid li, li kien għall-omm jagħmlu sports biss l-iskola sabiex ma jkollhiex *commitments,* iżda hu jemmen ħafna fl-attivitajiet sportivi. Jgħid li l-omm lanqas ma jkollha ħeġġa li tara lil uliedha wara l-*isleepover* li jagħmlu miegħu mill-Ġimgħa għas-Sibt u tgħidlu li l-Ħadd tkun trid toqgħod m'ommha tistrieħ. Jgħid li n-nanna tat-tfal għandha ż-żmien u għandha bżonn min jieħu ħsiebha mhux tieħu ħsieb lit-tfal hi. Iġib eżempji ta' żbalji li kienet tagħmel in-nanna ħames (5) snin ilu, u jgħid li aħseb u ara kif inhi s-sitwazzjoni llum. Jispjega wkoll illi l-omm tagħti lit-tfal għadd ta' mediċini mingħajr ma biss ikollha r-riċetta tat-tabib.

Jgħid li meta beda joħroġ mal-attriċi diversi nies kienu wissewh joqgħod attent minnha. Jippreżenta *screenshot* ta' diskursata li jgħid li kellu ma l-ex għarus tal-attriċi, fejn dan tal-aħħar jgħid li hu kien ħareġ lill-attriċi mill-vizzju tad-droga, tant li darba kienet spiċċat Monte Karmeli *b'overdose*. Il-konvenut jgħid li kienet anke tpejjep fil-karozza fil-preżenza tat-tfal. Hija biddlet ukoll diversi postijiet ta' residenza, iżda kull darba terġa' lura bit-tfal għand ommha għaliex ma jirnexxiliex tgħix weħedha mat-tfal. Dan jgħid li affetwa l-istabbilità tat-tfal fejn jagħti eżempju li d-drivers tal-iskola kienu jridu jwassluhom u jiġbruhom minn postijiet differenti fl-istess ġimgħa.

Jispejga wkoll illi fir-residenza tan-nanna joqgħodu u jiffrekwentaw id-dar, familjari li ma humiex ta' eżempju tajjeb għat-tfal. Huwa jilmenta għall-aġir tal-familjari u anke l-istat ta' iġene li kien ikun hemm fid-dar u fuq dak li jieklu t-tfal fid-dar tan-nanna.

Jgħid li fil-fatt it-tfal jieklu iktar għandu milli għand ommhom. Jgħid li t-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa t-tfal jieklu għandu

darbtejn kull darba u mbagħad joqgħodu miegħu sal-Ħadd filgħodu għaliex jgħid li l-attriċi kienet qatlu biex iżommhom sal-Ħadd minnflok sas-Sibt kif jgħid id-digriet tal-Qorti. Jgħid li l-manteniment li jħallasha jispiċċaw jieklu minnu l-familjari li jgħixu fid-dar tan-nanna. Jgħid li l-attriċi ma ddikjaratx kemm nies qed jgħixu u jaħdmu fid-dar ta' ommha u għaliex hu qed iħallas dawl u ilma għal kull min qed jgħix fid-dar. Jgħid li hu jixtri wkoll għadd ta' ħwejjeġ u żraben għat-tfal, anke biex jilbsu meta jkunu mal-omm, għaliex hi tlibbishom affarijiet li jkunu fi stat ħażin għaliex tiddobba mingħand nies oħra u tibqa' tlibbisihomlhom anke meta jeqdiemu. B'hekk jgħid li l-attriċi ma hix tuża l-manteniment kif suppost.

*Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-konvenut jipproduċi s-segwenti xiehda:*

*Xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza tal-Jobs Plus fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2023*[16] li jippreżenta l-*employment history* tal-partijiet.

*Xhieda ta' PC2204 Jordon Cassar fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2023*[17] li jippreżenta rapporti li saru fil-konfront tal-attriċi.

*Xhieda ta' Oswald Balzan, in rappreżentanza ta' l-Isptar Monte Karmeli fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2023*[18] li jippreżenta kopja tal-file tal-attriċi u jgħid li l-attriċi daħlet l-Isptar Monte Karmeli darba biss fl-10 ta' Awwissu 1998.

*Xhieda tar-rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2023*[19] li tixhed dwar kontijiet bankarji fuq isem l-attriċi.

[16] Fol. 292.
[17] Fol. 294.
[18] Fol. 295.
[19] Fol. 296.

*Xhieda tal-attriċi fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2023*[20] li tippreżenta kopja tat-*tax returns* tagħha tas-snin 2020, 2021 u 2022.

*Xhieda ta' Saviour Theuma, in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2023*[21] li jippreżenta dokument li juri rendikont ta' benefiċċji li ħadet l-attriċi fl-aħħar ħames (5) snin.

*Xhieda tar-rappreżentanta mill-Bank APS Bank plc fis-seduta tas-16 ta' Frar 2024*[22] li tixhed dwar kont wieħed f'isem l-attriċi.

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Il-Qorti bħala Qorti tal-Familja għandha d-dover illi tħares l-interessi supremi tal-minuri f'kull deċiżjoni li hija tieħu. Illi filfatt, il-prinċipju primarju, f'deċiżjonijiet illi jaffettwaw lill-minuri huwa dejjem dak tal-aqwa vantaġġ u ħarsien tal-minuri, kif sostnut fil-ġurisprudenza nostrana. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Apap vs Ruby Ritchie *pro et noe*** deċiża nhar is- 27 t'Ottubru 1995 fejn jingħad illi "*Fl-ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta'x'inhu l-interess tal-minuri u kull direzzjoni taghha trid tkun ezaminata minn din l-ottika u hekk motivata.*"

Tgħid ukoll il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo,**[23] illi "*The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look*

[20] Fol. 298.
[21] Fol. 308.
[22] Fol. 315.
[23] Deċiża fil-25 ta' Novembru 1998.

*for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."*

Jingħad ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[24] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[25] illi *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġurisprudenza kostanti tagħna".*

Tgħid il-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal f'Artikolu 3:

"*In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration."*

Il-liġi nostrana f'Artikolu 3B tal-Kap 16 tgħid kif ġej:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

Artikolu 7 tal-Kap 16 ikompli illi:

*"Il-***ġenituri** *għandhom l-obbligu li jieħdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B"*

Artikolu 7 għalhekk japplika l-Artikolu 3B anke għall-ġenituri mhux miżżewwġin bħal ma hu dan il-każ. Jekk ma jkunx iktar possibbli għall-ġenituri illi jibqgħu f'relazzjoni, il-Qorti, jekk il-partijiet jiġu quddiemha, trid tara min mill-konjuġi (jekk mhux konġuntivament) għandu jkollu l-kura u kustodja ta' dawk it-tfal. Artikolu 56 tal-Kap 16 jgħid illi:

---

[24] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2017 (Rik. Ġur. Nru.268/11AL).
[25] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rik. Ġur. Nru.218/13AL).

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**,[26] il-Qorti qalet illi "*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Dan ifisser illi għalkemm il-Qorti għandha l-obbligu illi tisma' ż-żewġ partijiet, hija trid tara li ma titħawwadx fil-lanjanzi miġjuba quddiemha mill-ġenituri kontra xulxin meta tiġi biex tiddeċiedi dwar dak li jolqot lit-tfal. Il-Qorti tisħaq illi kull deċiżjoni f'dan ir-rigward għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar interessi tat-tfal sabiex ikun żgurat illi dawn ikunu mdawwra bl-imħabba u l-għożża meħtieġa ta' ġenituri li huma kapaċi *li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw* lil uliedhom f'ambjent stabbli u kalm.

Fir-rigward tal-aċċess mal-minuri, il-Qorti tqis illi huwa ġeneralment fl-aħjar interess tal-minuri illi tiġi preservata r-relazzjoni tagħhom maż-żewġ ġenituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-ġenituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

*"(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.*

---

[26] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.*

*(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri."*

Meta si tratta ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri u dan peress li fil-każijiet li jitressqu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċiżjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri. Illi ġie rilevat mill-Qrati illi:

"*Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri…Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.*"[27]

Illi l-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħħda minnhom jekk mhux abbażi ta' rakkomandazzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**[28] ingħad is-segwenti:

*"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt ghall-access huwa wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-genituri, liema dritt jemanixxi mis-*

---

[27] Vide deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell datata 3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Cauchi.

[28] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, diversament preseduta, nhar is-27 t'Ottubru 2021 (Rik. Ġur. Nru. 202/2014).

*setgha ta' genitur. Ghaldaqstant id-dritt ghall-access ghandu jitgawda mill-genitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tigi assenjata lil wiehed mill-genituri. L-unika eccezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' access huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minhabba fattispecji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali access. Il-Qorti tiribadixxi illi ma ghandha l-ebda interess li tisfratta l-possibilita' li genitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm ragunijiet validi u legittimi, u dan f'gieh l-interess suprem tal-minuri."*

L-istess Artikolu 7 tal-Kap 16 hawn fuq ċitat jobbliga lill-ġenituri li **jmantnu** lil uliedhom. Kif jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-Liġi, iż-żewġ ġenituri għandhom l-istess obbligu versu wliedhom sabiex imantnu lil uliedhom kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, kkalkulati skont il-bżonnijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap 16. L-Artikolu 20 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust."*

Il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbiltà tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.[29] Il-Qorti tissottolinea għalhekk li l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni u hu partikolari għall-bżonnijiet ta' kull wild.

Relevanti f'dan il-kuntest l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea**[30] fejn il-Qorti qalet illi "*Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."*

Joħroġ ċar mil-liġi nostrana u wkoll mill-Qrati li japplikawha, illi l-ġenituri għandhom iħossu din ir-responsabbiltà tal-ulied b'mod illi ladarba jġibuhom fid-dinja jridu jaraw li qed jiġu provduti b'ħajja xierqa għalihom, mhux kwistjoni ta' lussu iżda ħajja dinjituża kull wieħed skont il-bżonnijiet tiegħu. Kull wieħed mill-konjuġi irid jifhem din ir-responsabbiltà u ma jistax jevita illi jagħmel dan billi jistrieħ biss fuq il-parti l-oħra. Tgħallem fil-fatt din il-Qorti illi "*Il-messaġġ waħdini li din il-Qorti tkompli tgħaddi huwa li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pozizzjoni fizika, mentali u finanzjarja li*

[29] Vide Tiziana Caruana vs Redent Muscat deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019 (Rik. Ġur Nru. 272/2018); Liza Spiteri vs Luke Farrugia deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019 (Rik. Ġur Nru. 219/2018).
[30] Deċiża fil-31 ta' Jannar 2019.

*jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilita' li jġibu magħhom l-ulied. It-tfal ma humiex ġugarelli, fejn tista' tifrah bihom f'mument u twarrabhom sekonda wara."*[31]

Magħdud ma' dan ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[32] Kif jingħad mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Angela Conti vs Lawrence Bonnici**[33] "*Wiehed l-ewwelnett jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel il-Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skond l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas."*

### 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni xejn faċli, fejn iż-żewġ partijiet, ġenituri ta' żewġt itfal li llum għandhom l-età ta' ħdax (11) u disa' (9) snin, ilhom għal dawn l-aħħar snin jiġġieldu dwar il-kura u kustodja u aċċess għal uliedhom, iżda fl-istess ħin ftit jagħtu lill-Qorti materjal sabiex din tkun tista' tiddeċiedi dwar is-sitwazzjoni li għandha quddiemha.

Filwaqt li l-attriċi tippreżenta din il-kawża, wara medjazzjoni li fiha l-Qorti ddeċidiet kemm dwar il-kura u kustodja u aċċess u anke l-manteniment tat-*tfal pendenti lite*, hija ma tagħtix ix-xhieda tagħha f'din il-kawża u tippreżenta biss rikorsi/risposti li fihom jiġi ripetut dak li ntqal fil-medjazzjoni. Min-naħa tal-konvenut, huwa jixhed permezz ta' affidavit li fih il-Qorti tħoss li jpoġġi lill-attriċi omm f'dawl assolutament negattiv u jibqa' wkoll

---

[31] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' Ottubru 2021 (Rik. Ġur. Nru 64/2017AL)
[32] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur Nru. 152/16 AL).
[33] Deċiża fis-6 ta' Frar 2015.

jirrepeti dak li jgħid fir-rikorsi/risposti tal-medjazzjoni. Il-Qorti tħoss fil-fatt illi ma għandiex informazzjoni dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-partijiet, kif żviluppa l-każ, f'liema kundizzjoni jinsabu t-tfal illum il-ġurnata u x-xewqat tagħhom.

Kif ġia ċitat, il-Qorti trid tiddeċiedi kwistjoni bħal din fl-aħjar interessi tal-ulied, li jieħdu prijorità fuq dak li jridu l-ġenituri jew dak li jaqbel lill-ġenituri, bil-provi naturalment li għandha quddiemha.

Jirriżulta li l-partijiet kellhom ħafna inċidenti li ppreċedew din il-kawża u fil-fatt minbarra l-fatt li ġew preżentati għadd ta' rapporti li l-partijiet għamlu kontra xulxin fis-snin ta' qabel, l-attriċi tippreżenta wkoll kopja ta' ordni ta' protezzjoni li nħarġet favur l-attriċi, kontra l-konvenut fid-19 ta' Frar 2019.[34] Madanakollu l-attriċi ma tixhidx dwar x'wassal biex inħarġet din l-ordni. Il-Qorti tiddeplora l-mod kif l-attriċi aġixxiet f'din il-kawża, li wara li fetħitha pproċediet b'mod laxk għall-aħħar li żgur ma jgħinx lill-Qorti tasal għall-aħjar deċiżjoni b'mod faċli, fl-aħjar interessi tal-minuri.

Il-konvenut, min-naħa tiegħu, jagħti l-verżjoni tal-fatti mill-perspettiva tiegħu, permezz tal-affidavit u d-dokumenti li ppreżenta. Huwa iżda jixhed b'mod totalment negattiv dwar l-attriċi u jirrepeti l-istess punti li jsemmi fir-rikorsi/risposti ppreżentati mingħajr ma jagħti l-istampa kollha tas-sitwazzjoni. Il-Qorti tara illi per eżempju ma jagħtix raġuni, jew jispjega ċ-ċirkostanzi li wasslu biex inħarġet l-ordni ta' protezzjoni kontrih. Dawn huma dettalji importanti li l-partijiet ma jispjegawx. Lanqas ma jiġi spjegat iċ-ċirkostanzi li fihom it-tifel tniżżel bħala *iben missier mhux magħruf.*

Il-Qorti tħoss illi għalkemm il-konvenut missier, iqajjem punti relevanti dwar dak li jikkonċerna lilu fit-trobbija tat-tfal, iżda joħroġ biċ-ċar illi l-attitudni tal-missier hija waħda dispreġġjattiva fil-konfront tal-omm u dan mhux dejjem riżultat

[34] Kopja a fol. 69.

ta' *concerns* oġġettivi iżda riżultat ta' attitutdni li twaqqa' l-mod kollu kif l-attriċi trabbi lil uliedha.

Fil-fatt Lucia Sammut, Kap ta' Skola, tgħid illi għalkemm il-ġenituri jikkomunikaw mal-iskola u l-iskola jirnexxielha tkellimhom dwar id-diffikultajiet tat-tfal, "*To be honest I mean naqra wahda twahhal fl-ohra…fl-iehor.*"[35] Il-konvenut fil-fatt jikkwota lid-diriġenti tal-iskola li jgħidu li t-tifel għandu problem akkademiċi u li dwar it-tifla hemm *concerns* dwar l-aġir tagħha, u jitfa' t-tort ta' dawn il-problemi esklussivament fuq l-omm. Donnu jinsa li s-sitwazzjoni xejn feliċi bejniet il-partijiet stess tista' tkun qed taffettwa lit-tfal b'diversi modi. Fil-fatt anke fit-trattazzjoni, jintqal fi ftit kliem li ladarba t-tfal mhux qed jilqħu l-potenzjal tagħhom fl-iskola, allura jfisser li għandhom bżonn li jibdew jirrisjedu mal-missier u b'hekk jibdew imorru aħjar.

Hawn il-Qorti tfakkar illi fejn jidħlu dawn il-kwistjoijiet dwar it-trobbija tat-tfal, wieħed mhux daqstant importanti li jara min qed jagħmel tajjeb u min qed jagħmel ħażin b'mod illi jakkuża lil ħaddiehor, iżda importanti li wieħed jara l-aħjar mod kif dawn it-tfal, li l-partijiet infushom ġabu fid-dinja, ser jgħixu bl-iktar mod stabbli, f'ambjent ta' imħabba maż-żewġ ġenituri. Il-ħażin għandu jiġi indirizzat iżda mhux użat biex naħa jew oħra takkwista iktar f'dak li huwa pekunarju jew mod ieħor. Kif anke tissuġġerixxi l-Avukat tat-Tfal fir-rapport tagħha tas-16 ta' Mejju 2022, huwa tajjeb ħafna li l-missier qed iqatta' ħafna ħin mat-tfal ukoll u l-Qorti tħoss li b'hekk il-missier jista' jgħin lit-tfal akkademikament ukoll kif jgħid li jixtieq jagħmel. Issa t-tfal qed jikbru wkoll iġifieri ser ikunu iktar indipendenti f'affarijiet tal-iskola, iżda l-gwida tal-ġenituri u l-preżenza tagħhom hija dejjem importanti.

Il-Qorti min-naħa l-oħra ma tistax tinjora l-fatt illi ċertu *concerns* li jitkellem dwarhom il-konvenut huma relevanti għall-każ. Minn dak li xehdet il-kap tal-iskola fuq it-tifla tidher li t-tifla hija *distracted*, filwaqt li t-tifel għandu bżonn l-għajnuna ta' LSE fil-

---

[35] Fol. 212.

klassi sabiex ikun jista' jmexxi akkademikament.  Huwa ċar li hemm nuqqas ta' stabbilità u attenzjoni flokha f'ħajjet it-tfal. Dan jista' jkun li ġej mis-sitwazzjoni ta' bejn il-ġenituri, l-ambjent li fih jitrabbew jew l-attitudni tal-ġenituri.  Jidher illi l-omm, minn anke dak li xehdet il-Kap tal-iskola u l-missier inniffsu, ma għandhiex dik il-paċenzja jew ħin biex tazzetta mat-tifla u tgħinha fil-*homework* għaliex kultant taqbad u tagħmilulha hi.  Dan ovjament ma hux metodu għaqli kif l-omm tgħin lil bintha fil-*homework.*  Wieħed jifhem is-sitwazzjoni ta' omm li taħdem u trabbi tliet (3) itfal, u n-nuqqas ta' ħin li dan iġib miegħu, madanakollu dan ma għandux inaqqas mill-attenzjoni li tingħata lil ulied li ċertament għandhom bżonn lill-ġenituri f'dawn is-snin ta' trobbija.  L-istess dwar il-kwistjoni tan-nanna.  Għalkemm in-nanna probabbilment qed tkun ta' sostenn għall-omm sabiex din trabbi tliet (3) itfal, wieħed irid ikun attent li t-tfal qed tingħatalhom trobbija kif jixraqilhom, mingħajr ma jkun hemm nuqqasijiet serji minħabba dak li qed ikun magħhom biex jindukrahom fil-ħajja ta' kuljum.  Il-Kap tal-iskola semmiet uniformi mhux kompluta.  Dan jista' jkun eżempju ta' nuqqas ta' attenzjoni li qed jingħataw it-tfal.

Il-Qorti min-naħa l-oħra temmen u tfaħħar il-mod kif il-missier jinvolvi ruħu fit-trobbija tat-tfal permezz ta' involviment f'attivitajiet extra-kurrikulari u l-importanza li jagħti għall-qari u attivitajiet oħra simili għat-tfal.  Il-Qorti, kif dejjem qalet, tisħaq dwar l-importanza taż-żewġ ġenituri fit-trobbija tat-tfal u għalhekk tagħraf l-importanza ta' l-involvment sħiħ li għandu jkun hemm min-naħa tal-missier.

L-omm tidher ukoll li kellha ċerta vizzji fil-passat, li għalkemm hija tiċħad fid-diversi risposti li tippreżenta, ma tixhidx dwarhom.  Il-missier min-naħa l-oħra jippreżenta *chat* ma' ex sieħeb tal-attriċi bħala prova.  Dan ovjament ma jistax jittieħed kontra l-omm jekk il-Qorti ma għandiex quddiemha provi ċari li l-omm għandha dan il-vizzju, ma ħarġitx minnu u fil-fatt qed jaffetwa fit-trobbija ta' wliedha.  Min-naħa l-oħra l-fatt li l-attriċi tallega li kien hemm diversi inċidenti ta' vjolenza min-naħa tal-

konvenut u li t-tfal kienu jarawh jitratta lil ommhom u l-familjari ta' ommhom b'mod abbużiv, ma jistax jittieħed b'mod leġġer. Fuq kollox għal xi raġuni ħarġet l-ordni ta' protezzjoni favur l-omm.

Il-konvenut missier jilmenta wkoll mill-familjari tal-attriċi u jallega li dawn il-familjari ma humiex ta' mudell għal uliedu. L-omm min-naħa l-oħra tgħid (fir-rikorsi/risposti) li l-konvenut kien tratta ħażin ħafna lil dawn il-familjari. X jgħid ukoll lill-Avukat tat-tfal illi missieru jkollu xi nies id-dar li missieru qalilhom biex isejħilhom *students* u hu stqarr li ma joqgħodx jagħti każ x'ikunu jagħmlu dawn l-istudenti. Il-Qorti tisħaq li huwa l-obbligu tal-ġenituri li ma jesponux lil uliedhom għall-familjari, aħwa, ħbieb u persuni oħra li jistgħu jkunu ta' eżempju ħażin għal uliedhom u li jistgħu jfarrkulhom l-istabbilità f'ħajjithom. Huma l-ġenituri biss li jistgħu jipproteġu lil uliedhom u t-trobbija tagħhom u għalhekk iktar milli jħarsu lejn x'qiegħda tagħmel il-parti l-oħra ż-żewġ ġenituri għandhom jaraw li fil-ħin li t-tfal ikunu magħhom, ikunu qed jagħtuhom l-attenzjoni xierqa u l-attenzjoni kollha li huwa possibli fiċ-ċirkostanzi sabiex it-tfal iħossuhom maħbuba u jistgħu jikkonċentraw fuq l-istudji u l-attivitajiet l-oħra li jkollhom.

L-Avukat tat-tfal kienet ċara li t-tfal kienu kuntenti wkoll jaraw lil missierhom kif kienu qed jarawh dak iż-żmien u huwa ċar li t-tfal iħossu l-importanza u l-imħabba taż-żewġ ġenituri.

Il-Qorti hija konvinta li f'dan il-każ, il-kura u kustodja għandha tkun konġunta bejn iż-żewġ partijiet b'dan illi l-minuri jibqgħu jgħixu mal-omm iżda l-aċċess tal-missier ikun kif ġej:

**Meta t-tfal ikunu l-iskola:**

Il-missier jiġbor lit-tfal mill-iskola nhar ta' Ħamis u dawn jibqgħu miegħu sas-Sibt fil-5pm meta jirritorna lit-tfal fir-residenza tal-omm;

Nhar ta' Tlieta l-missier jiġbor lit-tfal mill-iskola u jirritorna lit-tfal fir-residenza tal-omm fis-7pm.

**Fil-vaganzi tat-tfal:**

Il-missier jiġbor lit-tfal nhar ta' Ħamis fid-9am, jekk dawn ma jkollhomx skola tas-Sajf u dawn jibqgħu miegħu sas-Sibt fil-5pm meta jirritorna lit-tfal fir-residenza tal-omm;

F'każ illi t-tfal ikollhom skola tas-Sajf il-missier jiġbor lit-tfal mill-iskola u dawn jibqgħu miegħu sas-Sibt fil-5pm meta jirritorna lit-tfal fir-residenza tal-omm;

Nhar ta' Tlieta l-missier jiġbor lit-tfal mir-residenza tal-omm fit-3pm u jirritorna lit-tfal fir-residenza tal-omm fis-7pm.

Huwa importanti li ż-żewġ partijiet jieħdu lit-tfal għall-attivitajiet extra-kurrukulari tagħhom, fil-ħinijiet li t-tfal ikunu fil-kura tagħhom.

Fil-festi pubbliċi biss li jaqgħu fost il-ġimgħa l-aċċess għandu jkun alternat minn festa għal oħra u minn sena għal sena u meta jmiss lill-konvenut dan iseħħ mid-9am sas-7pm. Festi pubbliċi li jaqgħu fil-weekend ma' jaffetwawx il-ħinijiet ta' aċċess regolari.

Il-konvenut ikollu aċċess għall-minuri minn lejliet il-Milied fit-3pm sa Jum il-Milied fit-3pm u fit-tieni sena minn Jum il-Milied fit-3pm sa Boxing Day fit-3pm u dan b'mod alternat minn sena għal sena. Dan japplika bl-istess mod bejn lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-ewwel tas-Sena b'mod alternat.

F'Jum l-Għid, l-ewwel sena l-missier ma jirritornax lit-tfal is-Sibt fil-5pm (bħal bqija tal-*weekends* ta' matul is-sena) iżda jżomm lit-tfal sa Jum l-Għid fil-5pm. Is-sena ta' wara l-missier ma jirritornax lit-tfal is-Sibt fil-5pm iżda jżomm lit-tfal sa Jum l-Għid

fil-11am. Il-partijiet jalternaw minn sena għal sena b'dan il-mod.

F'Jum il-Missier u għeluq snin il-konvenut, it-tfal ikunu mal-missier mid-9am sas-7pm u jekk it-tfal ikunu skola f'għeluq snin il-missier, dan jiġborhom hu mill-iskola u jirritornahom għand l-omm fis-7pm.

F'Jum l-Omm u għeluq snin l-attriċi, it-tfal jibqgħu mal-omm anke jekk dakinhar jinzerta li l-missier ikollu l-aċċess.

F'għeluq snin wieħed mill-minuri jekk ikun f'ġurnata tal-iskola, il-missier ikollu access mill-4:30pm sas-7:00pm. Jekk jaħbat fil-*weekend* jew fil-vaganzi tat-tfal il-minuri t-tnejn, iqattgħu mid-9:00am sas-2:00pm mal-omm u mis-2:00pm sas-7:00pm mal-missier, meta jirritornahom fir-residenza tal-omm.

Il-Qorti tħeġġeg lill-partijiet sabiex dejjem jikkoperaw u jfittxu kompromess f'dak li għandu x'jaqsam ma' deċiżjonijiet għall-minuri. Deċiżjonijiet ordinarji għandhom jittieħdu minn dak il-ġenitur li magħhom ikunu qiegħdin il-minuri f'dak il-mument, filwaqt li deċiżjonijiet straordinarji għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet konġuntivament.

Skont digriet tal-10 ta' Lulju 2019[36] il-missier ġie ordnat iħallas lill-attriċi bħala manteniment għal uliedha s-somma ta' ħames mija u ħamsin Ewro fix-xahar (€550) li jkun jinkludi spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Kif intqal iktar qabel f'din is-Sentenza, skont l-Artikolu 20 tal-Kap 16 *Il-manteniment għandu jingħata skont **il-bżonn ta' min jitolbu** u **l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

Filwaqt li l-Qorti għandha quddiemha *tax returns* tal-attriċi tas-snin 2020 sa 2022, m'għandhiex provi tad-dħul kurrenti taż-żewġ partijiet. Jingħad iżda li l-attriċi għandha l-business tagħha ta' hairdresser u minkejja li għandha tliet (3) itfal jgħixu

[36] Fol. 26.

magħha hija taħdem fuq bażi *full-time* u l-konvenut huwa *statistician.*

L-attriċi ma ppreżentat l-ebda prospett tal-ispejjeż li tirrikjedi għall-uliedha, la listi u wisq inqas prospett sostanzjat b'dokumenti relattivi biex il-Qorti tkun tista' tinkwadra x'inhuma l-bżonnijiet tal-ulied, kif trid tagħmel meta tiġi biex tikkalkula l-ammont ta' manteniment.

Il-Qorti għalhekk ma għandhiex triq oħra ħlief fiċ-ċirkostanzi tasal għal ammont *arbitro boni viri*. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi, s-somma ta' mitejn ħamsa u għoxrin Ewro (€225) kull xahar, bħala manteniment għal kull wieħed mill-minuri sakemm dawn jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, filwaqt li l-partijiet jaqsmu nofs bin-nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Dana l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas wara l-età ta' tmintax-il (18) sena sal-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jkunu għadhom qed jistudjaw fuq bażi *full time* jew sakemm jibdew jaħdmu fuq bażi *full time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel.

L-omm tibqa' tipperċepixxi hi kull benefiċċju li jitħallas għall-minuri inkluż *Children's Allowance.*

## DEĊIDE:

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel talba attriċi u tilqa' limitatament l-ewwel talba rikonvenzjonali u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata f'idejn iż-żewġ partijiet konġuntivament b'dan illi l-minuri jibqgħu jirrisjedu ma' ommhom u jkollhom aċċess għall-missierhom kif ġej:

**Meta t-tfal ikunu l-iskola:**

Il-missier jiġbor lit-tfal mill-iskola nhar ta' Ħamis u dawn jibqgħu miegħu sas-Sibt fil-5pm meta jirritorna lit-tfal fir-residenza tal-omm;

Nhar ta' Tlieta l-missier jiġbor lit-tfal mill-iskola u jirritorna lit-tfal fir-residenza tal-omm fis-7pm.

**Fil-vaganzi tat-tfal:**

Il-missier jiġbor lit-tfal nhar ta' Ħamis fid-9am, jekk dawn ma jkollhomx skola tas-Sajf u dawn jibqgħu miegħu sas-Sibt fil-5pm meta jirritorna lit-tfal fir-residenza tal-omm;

F'każ illi t-tfal ikollhom skola tas-Sajf il-missier jiġbor lit-tfal mill-iskola u dawn jibqgħu miegħu sas-Sibt fil-5pm meta jirritorna lit-tfal fir-residenza tal-omm;

Nhar ta' Tlieta l-missier jiġbor lit-tfal mir-residenza tal-omm fit-3pm u jirritorna lit-tfal fir-residenza tal-omm fis-7pm.

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tawtorizza liż-żewġ partijiet sabiex jattendu għall-attivitajiet kollha li jinvolvu lill-minuri ad esklużjoni ta' kull terza persuna oħra;

3. Tiċħad it-tielet talba attriċi u t-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali, filwaqt li tilqa' r-raba' talba attriċi u tordna illi jħallas lill-attriċi, s-somma ta' mitejn ħamsa u għoxrin Ewro (€225) kull xahar, bħala manteniment għal kull wieħed mill-minuri sakemm dawn jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, filwaqt li l-partijiet jaqsmu nofs bin-nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Dana l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas wara l-età ta' tmintax-il (18) sena sal-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jkunu għadhom qed jistudjaw fuq bażi *full time* jew sakemm jibdew jaħdmu fuq bażi *full time*, liema ċirkostanza

tavvera ruħha l-ewwel. L-omm tibqa' tipperċepixxi hi kull benefiċċju li jitħallas għall-minuri inkluż *Children's Allowance.*

4. Tilqa' limitatament il-ħames talba attriċi u tordna illi l-missier ikollu aċċess għall-minuri bil-mod stabbilit fl-ewwel kap ta' din is-sentenza;

5. Tilqa' r-raba' u s-sitt talba rikonvenzjonali;

6. Tilqa' l-ħames talba rikonvenzjonali u tordna li l-aċċess fil-ġranet is-segwenti jkun kif ġej:

Fil-festi pubbliċi biss li jaqgħu fost il-ġimgħa l-aċċess għandu jkun alternat minn festa għal oħra u minn sena għal sena u meta jmiss lill-konvenut dan iseħħ mid-9am sas-7pm. Festi pubbliċi li jaqgħu fil-*weekend* ma' jaffetwawx il-ħinijiet ta' aċċess regolari.

Il-konvenut ikollu aċċess għall-minuri minn lejliet il-Milied fit-3pm sa Jum il-Milied fit-3pm u fit-tieni sena minn Jum il-Milied fit-3pm sa Boxing Day fit-3pm u dan b'mod alternat minn sena għal sena. Dan japplika bl-istess mod bejn lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena b'mod alternat.

F'Jum l-Għid, l-ewwel sena l-missier ma jirritornax lit-tfal is-Sibt fil-5pm (bħal bqija tal-*weekends* ta' matul is-sena) iżda jżomm lit-tfal sa Jum l-Għid fil-5pm. Is-sena ta' wara l-missier ma jirritornax lit-tfal is-Sibt fil-5pm iżda jżomm lit-tfal sa Jum l-Għid fil-11am. Il-partijiet jalternaw minn sena għal sena b'dan il-mod.

F'Jum il-Missier u għeluq snin il-konvenut, it-tfal ikunu mal-missier mid-9am sas-7pm u jekk it-tfal ikunu skola f'għeluq snin il-missier, dan jiġborhom hu mill-iskola u jirritornahom għand l-omm fis-7pm.

F’Jum l-Omm u għeluq snin l-attriċi, it-tfal jibqgħu mal-omm anke jekk dakinhar jinzerta li l-missier ikollu l-aċċess.

F'għeluq snin wieħed mill-minuri jekk ikun f'ġurnata tal-iskola, il-missier ikollu access mill-4:30pm sas-7:00pm. Jekk jaħbat fil-*weekend* jew fil-vaganzi tat-tfal il-minuri t-tnejn, iqattgħu mid-9:00am sas-2:00pm mal-omm u mis-2:00pm sas-7:00pm mal-missier, meta jirritornahom fir-residenza tal-omm.

L-ispejjeż kollha tal-kawża jibqgħu a karigu tal-partijiet fi kwoti ndaqs.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur